# DIVIŻJONI GĦAR-REGOLAZZJONI VETERINARJA U SAĦĦA TAL-PJANTI

## Direttorat għall-Ħarsien tal-Pjanti

Id-Direttorat għall-Ħarsien tal-Pjanti hija l-Organizzazzjoni Nazzjonali għall-Protezzjoni tal-Pjanti fi ħdan id-Diviżjoni għar-Regolazzjoni Veterinarja u Saħħa tal-Pjanti taħt il-Ministeru għall-Ambjent, Żvilupp Sostenibbli u Tibdil fil-Klima (MESDC). Id-Direttorat kompla bil-ħidma tiegħu bl-għan li tiġi evitata l-introduzzjoni ta' organiżmi li jagħmlu ħsara lill-pjanti jew prodotti tal-pjanti jew tat-tifrix tagħhom fil-Komunità Ewropeja, f'konformità mar-reġim tas-saħħa tal-pjanti tal-Komunità Ewropeja. Id-Direttorat kompla bis-sorveljanza tas-suq tal-materjal ta' propagazzjoni fit-territorju Malti bil-għan li jkun hawn fiċ-ċirkolazzjoni kwalità għolja ta' materjal ta' propagazzjoni tal-pjanti. Id-Direttorat beda jimplimenta u jpoġġi fis-seħħ il-proviżjonijiet legali li jikkonċernaw l-aċċess u l-qsim ta' benefiċċji li jirriżultaw mill-użu ta' riżorsi ġenetiċi Maltin. Tkompliet ukoll il-ħidma fir-rigward tal-konservazzjoni ta' pjanti lokali, kif ukoll bis-servizzi lill-bdiewa fir-rigward ta' ttestjar ta' ħamrija u ilma.

Fl-2016 twettqet riorganizzazzjoni tad-Direttorat għas-Saħħa tal-Pjanti bil-għan li tikkonsolida r-rwoli tad-diversi taqsimiet fid-Direttorat. Bl-organogramma l-irwoli ewlenin li ġew konsolidati kienu jinkludu spezzjonijiet, riċerka, regolamenti, akkwist ta' materjal/servizzi kif ukoll laboratorji. Fl-2017 id-Direttorat inbidillu ismu għal dak ta' Direttorat għall-Ħarsien tal-Pjanti.

Il-PPD żviluppa *mobile app* bħala parti mill-politika tal-Gvern għad-diġitalizzazzjoni tal-proċessi tan-negozju, li jinkludu tliet *video clips* qosra relatati mal-Bumunqar Aħmar, pjanti suxxettibli, sintomi, trattament, prevenzjoni u standard ta' proċedura ġenerali. L-applikazzjoni hija maħsuba wkoll biex tiffaċilita n-notifika mill-pubbliku ġenerali skont il-leġiżlazzjoni tas-saħħa tal-pjanti. Ser isservi biex tiggwida liċ-ċittadini biex jagħmlu djanjosi ta' pesti u mard tal-pjanti, rappurtar ta' każijiet, u billi tiġi provduta kemm informazzjoni relattiva kif ukoll spjegazzjonijiet.

Is-sezzjoni responsabbli mill-politika għall-ħarsien tal-pjanti fi ħdan id-Direttorat ikkordinat, irrevediet, ikkompilat u pproċessat risposti għall-kwestjonarji, dokumenti ta' ħidma, protokolli, standards, dokumenti ta' konsultazzjoni, noti ta' istruzzjoni, eċċ. fuq diversi suġġetti li jaqgħu taħt il-kompetenza tad-Direttorat. 10 liġijiet tal-UE ġew trasposti fil-Liġi Nazzjonali fl-2016 u 2017.

Fl-ewwel nofs tal-2017, uffiċjali mid-Direttorat flimkien mad-Direttur u Direttur Ġenerali kienu attivi fil-Presidenza Maltija tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea. It-timijiet involuti, ikkordinaw u organizzaw 11-il grupp ta' ħidma (3 għall-Kapijiet tas-Saħħa tal-Pjanti, 2 għall-Affarijiet tal-IPPC / CPM, 2 għall-OECD (Skemi ta' Żrieragħ), 1 għar-Riżorsi Ġenetiċi fl-Agrikoltura) u ieħor għad-drittijiet ta' min inissel il-pjanti. Barra minn hekk, f'isem il-Kummissjoni Ewropeja, Malta mexxiet u tkellmet fil-Kummissjoni għall-Miżuri Fitosanitarji (CPM 12) li saret f'Incheon, ir-Repubblika tal-Korea kif ukoll is-16 is-sessjoni tal-Kummissjoni għar-Riżorsi Ġenetiċi għall-Ikel u l-Agrikoltura li saret f'Ruma, l-Italja.

Il-Presidenza Maltija iffukat il-prijorità tagħha fuq it-tqajjim ta' kuxjenza bħala għodda essenzjali fil-kuntest ta' miżuri effettivi ta' kontroll u ġestjoni effettiva tal-kontroll tal-mard tal-pjanti fl-Unjoni Ewropeja. Dan sar fl-isfond tad-diversi sitwazzjonijiet ta' emerġenza u tifqigħat ta' pesti ta' pjanti fit-territorju tal-Unjoni Ewropeja. Waqt il-laqgħa ta' Ġunju tal-2017 il-Kapijiet għas-saħħa tal-pjanti qablu fuq Strategija ta' Għarfien għas-Saħħa tal-Pjant fl-Unjoni Ewropeja, li giet konċepita, preparata u diskussa waqt il-Presidenza Maltija.

Fl-2016, il-PPD f' isem Malta mexxa r-ratifika ta' żewġ strumenti internazzjonali importanti jiġifieri l-Protokoll ta' Nagoya u t-Trattat Internazzjonali għar-Riżorsi Ġenetiċi tal-Pjanti għall-Ikel u l-Agrikoltura (ITPGRFA). Malta aċċessat il-Protokoll ta' Nagoya fl-1 ta' Diċembru 2016 u saret parti għaliha fl-1 ta' Marzu 2017. Malta implimentat il-liġi tal-UE dwar l-Aċċess u l-Qsim tal-Benefiċċji permezz tal-Avviż Legali 379 tal-2016 li ġie ppubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru 19,679 datata il-15 ta' Novembru 2016. Dan l-istrument legali jistabbilixxi d-Direttorat għall-Ħarsien tal-Pjanti bħala l-Awtorità Kompetenti li taġixxi bħala l-punt fokali bejn Malta, il-Kummissjoni Ewropea u l-*Clearing House* ABS. Malta ffirmat l-ITPGRFA fl-10 ta' Ġunju 2002 u rratifikatha fit-2 ta' Diċembru 2016, li daħal fis-seħħ fl-20 ta' Frar 2017.

Wara talba uffiċjali lill-Kummissjoni Ewropea, Malta ngħatat l-istatus taż-Żona Protetta għal *Paysandisia archon*, baħrija tal-palm. Dan intlaħaq fuq il-bażi ta' stħarriġ imwettaq, u evidenza sottomessa minn Malta, li l-organiżmu ta' ħsara kkonċernat ma jinstabx f'Malta, minkejja kundizzjonijiet favorevoli għal dak l-organiżmu biex jistabbilixxi ruħu.

Il-PPD kompla bil-kontroll tas-susa (*Hypocryphalus scabricollis*) u l-konservazzjoni ta' siġar tat-tin billi segwa l-Pjan ta' Azzjoni mfassal fl-2015. Fil-fatt f'Ġunju 2016, id-Direttorat daħal fi ftehim mal-Università ta' Malta sabiex tal-aħħar tipprovdi servizzi ta' riċerka fuq il-kontroll tas-susa tat-tin kif ukoll tfassal linji gwida u tidentifika l-Prattiċi Agrikoli Tajba għall-produtturi tat-tin.

Ir-reġistrazzjoni tal-individwi kollha li għandhom siġar tat-tin ġiet konkluża fl-2016. Fl-2017, id-Direttorat beda l-propagazzjoni ta' siġar tat-tin, bħala parti mill-pjan ta' konservazzjoni.

F'Mejju tal-2016, il-PPD u l-MESDC inawguraw il-bini l-ġdid (laboratorji, uffiċċji u ġnien ta' konservazzjoni) li ġew stabbiliti taħt il-proġett FAEŻR iffinanzjat taħt miżura 214 tal-Programm ta' Żvilupp Rurali 2007-2013, dwar l-appoġġ għall-konservazzjoni ta' riżorsi ġenetiċi fl-agrikoltura.

Id-Direttorat implimenta kampanja ta' għarfien intensiva fir-rigward tal-*Xylella fastidiosa* li ġiet ko-finanzjata taħt il-Program għas-Sorveljanza tal-Pesti b'ammont ta' €60,000 allokat għas-snin 2016 u l-2017 rispettivament. *Video clip* dwar dan il-batterju ġie prodott u mxandar b'mod konsekuttiv fuq stazzjonijiet tat-TV lokali u l-paġni *Facebook* tad-DOI u Nisġet Artna. Informazzjoni dwar din il-kampanja tpoġġiet ukoll fuq il-websajt tal-Uffiċċju tal-Prim Ministru. Din il-kampanja ta' tagħrif torbot u tikkomplimenta d-*Don't Risk it Campaign* li nediet l-EPPO fis-snin ta' qabel.

Peress li l-kampanja ta' *Xylella fastidiosa* hija mmirata speċifikament lejn il-vjaġġaturi, il-PPD ikkollabora mal-Ajruport Internazzjonali ta' Malta (MIA) għar-reklamar fis-Sala tat-Tluq tal-Ajruport fuq skrins u stazzjonijiet illuminati għall-iċċarġjar. Barra minn hekk, il-fuljett ta' *Xyllela fastidiosa* ġie aġġornat u 7,000 kopja ġew stampati u mqassma fl-MIA. Il-kampanja ta' għarfien inkludiet ukoll promozzjoni permezz ta' *billboards*, il-ħolqien ta' *banners* għal-gazzetti u portali onlajn, *video clips* murija f'numru ta' ċinemas, promozzjoni fuq trasport pubbliku u *bookmarks* u stikers li tqassmu lill-istudenti.

Mill-2016 bdew jiġu organizzati żjarat mill-iskejjel b'kollaborazzjoni mal-Ministeru għall-Edukazzjoni u l-Impjiegi sabiex jirrispettaw l-impenn tal-proġett tal-FAEŻR. Ġiet imqassma ċirkulari lill-iskejjel kollha fil-bidu tas-sena skolastika 2016/2017. Ġew imfassla diversi programmi biex ikunu jistgħu jilħqu abilitajiet u etajiet differenti tal-istudenti. B'kollox madwar 450 student żaru l-faċilitajiet f'Ħ'Attard bejn l-2016 u l-2017.

Fl-2016 u fl-2017, id-Direttorat implimenta l-Istħarriġ dwar il-Pesti tal-Pjanti li kellu valur totali ta' €187,000 u €303,000 rispettivament, b' 75% kofinanzjament mill-Kummissjoni Ewropeja. L-istħarriġ huwa mmirat biex jieħu l-miżuri protettivi meħtieġa kontra l-introduzzjoni fil-Komunità ta' organiżmi li jagħmlu ħsara lill-pjanti jew prodotti tal-pjanti elenkati fil-prijoritajiet stabbiliti fil-programm ta' ħidma għas-snin rispettivi.

Parti mill-proġett FAEŻR, ġie stabbilit l-ewwel Laboratorju taż-Żerriegħa fil-bini tad-Direttorat ġewwa Ħ'Attard. It-testijiet tal-purità taż-żerriegħa twettqu għall-ewwel darba f'dan il-laboratorju matul l-2016. Statistika dwar it-testijiet li ġew imwettqa fil-laboratorji tad-Direttorat għall-Ħarsien tal-Pjanti fl-2016 u l-2017 hija mogħtija fit-tabella 1.

| Testijiet | 2016 | 2017 | Total |
|---|---|---|---|
| Żerriegħa | 54 | 69 | 123 |
| Pjanti | 1495 | 3619 | 5114 |
| Ħamrija | 2510 | 1759 | 4269 |
| Ilma | 836 | 692 | 1528 |
| | | | **11,034** |

Tabella 1: Numru ta' Testijiet tal-Laboratorju

Il-fergħa tas-Sorveljanza u l-Infurzar tad-Direttorat kompliet bil-ħidma tagħha bil-monitoraġġ u bil-kontroll tat-tixrid ta' organiżmi ta' ħsara fit-territorju Malti u kummerċ li jiġi minnb pajjiżi terzi u mill-Unjoni Ewropeja. It-tabella numru 2 tippreżenta l-attivitajiet ta' monitoraġġ u kontrolli li saru fl-2016 u fl-2017.

| Tip ta' spezzjoni | Numru 2016 | Numru 2017 |
|---|---|---|
| Palm | 282 | 215 |
| Posta | 33 | 35 |
| Impurtar | 257 | 247 |
| Imballaġġ tal-Injam | 138 | 136 |
| Ċana | 67 | 66 |
| Attivitajiet reġistrati (spezzjoni annwali) | 224 | 196 |
| Nases tal-Bumunqar Aħmar tal-Palm | 101 | 160 |
| Stħarriġ ta' Sorveljanza tal-Pesti | 2498 | 3303 |

Tabella 2: Spezzjonijiet